16 ta' Diċembru, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Grima *versus* Maria Vella et.

**Retratt — Donazzjoni — Retroċessjoni — Simulazzjoni — Bejgħ — Dazzjoni "in solutum".**

*Fid-donazzjonijiet ma hemmx lok għar-retratt.*

*Imma jekk id-donazzjoni tkun simulata, dak l-att hekk simulat ma jipprekludix l-eżerċizzju tad-dritt ta' l-irkupru fuq il-fond li jifforma l-oġġett tal-kuntrattazzjoni. U meta jiġi stabbilit li d-donazzjoni kienet simulata, huwa indifferenti jekk fir-realtà l-att kienx ta' bejgħ jew ta' dazzjoni "in solutum"; għax dawn l-istituti t-tnejn jagħtu lok għar-retratt.*

*Lanqas ma huwa preklużi l-eżerċizzju tad-dritt ta' l-irkupru bil-fatt li l-partijiet li għamlu d-donazzjoni simulatament jerġgħu lura mill-att li għamlu. Dik ir-retroċessjoni ma tippreġudikax dak id-dritt ta' l-irkupru li twieled malli sar l-att simulat, u li minn dak il-mument intitola lir-retraent għall-eżerċizzju ta' dak id-dritt in forza tal-vera kuntrattazzjoni li saret bl-att simulat.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, peress li b'ċedola tas-16 ta' Ottubru 1948, l-instanti rkupra minn għand il-konvenut Antonio Pirotta tliet kwarti indiviżi minn porzjon ta' art fabbrikabbli, tal-kejl ta' ċirka 24½ qasab kwadri, b'faċċata twila sitt qasab għal Parish Priest Street, u erba' qasab u pied faċċata fuq Sixth Street, il-Mellieħa, li magħha tagħmel kantuniera, formanti parti mill-ġnien li qiegħed il-Mellieħa, Parish Priest Street, bla numru, tmiss din il-porzjoni art mill-punent u minn nofsinhar ma' Sixth Street, franka u libera — li l-konvenut Pirotta, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius tas-16 ta' Ottubru 1947, kien akkwista minn għand il-konvenuta l-oħra, apparentement b'titolu ta' donazzjoni, *imma fil-fatt b'titolu ta' xiri, jew ta' pagament* "in solutum" ta' krediti li kellu kontra tagħha; peress li bl-ittra uffiċjali tat-3 ta' Mejju 1949 l-instanti interpella lill-konvenut Pirotta biex jagħmillu r-rivendizzjoni tal-biċċa fuq imsemmija; peress li l-konvenut, f'lok irrilaxxja din il-biċċa art favur l-instanti, bi ftehim mal-konvenuta l-oħra rrexxinda u annulla l-kuntratt ta' donazzjoni fuq imsemmija, u dana bi skop evidenti li ħaseb li jista' jeludi d-

dritt ta' l-instanti; wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, għar-raġunijiet fuq imsemmija jiġi dikjarat u deċiż li l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius tas-16 ta' Ottubru 1947 kien fir-realtà kuntratt ta' bejgħ jew ta' pagament "in solutum" ta' krediti li l-konvenut Pirotta seta' kellu għal kwalunkwe raġuni u kawża kontra l-konvenuta l-oħra, u ma hux ta' donazzjoni kif ġie msejjaħ dak il-kuntratt; u fil-każ ta' eżitu feliċi ta' l-ewwel talba, il-konvenuti, previa dikjarazzjoni illi l-irkupru eżerċitat mill-instanti biċ-ċedola tas-16 ta' Ottubru 1948 fuq imsemmija huwa validu u legali, il-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jagħmlu favur l-attur ir-rivendizzjoni tal-biċċa art fuq imsemmija, u rkuprata b'dik iċ-ċedola, fi żmien qasir li jiġi prefiss minn dina l-Qorti; u fil-każ ta' nuqqas tal-konvenuti li jagħmlu r-rivendizzjoni ta' l-istess biċċa art, tiġi dikjarata li saret bissaħħa tas-sentenza, inattiż il-kuntratt ta' rexissjoni tat-28 ta' Ġunju 1949 fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius relativ għal din il-biċċa art. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Mejju 1949, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-att magħmul għand in-Nutar Emmanuele Agius tas-16 ta' Ottubru 1947 (fol. 6 tal-proċess) jirriżulta li Maria armla ta' Andrea Vella għamlet donazzjoni gratuwita lil Antonio Pirotta ta' tliet kwarti indiviżi minn porzjoni ta' art fabbrikabili.............., formanti parti mill-ġnien li qiegħed il-Mellieħa, Parish Priest Street, bla numru, tmiss dina l-porzjoni..............;

Illi b'ċedola ta' l-irkupru u kontestwali depożitu numru 190 tas-16 ta' Ottubru 1948, l-attur.............. irkupra minn għand il-konvenut Antonio Pirotta l-art fuq imsemmija........;

Illi fit-3 ta' Mejju 1949 l-instanti interpella lill-konvenut Pirotta biex jagħmlilu r-rivendizzjoni tal-bini fuq imsemmi; imma l-interpellazzjoni ma serviet xejn;

Illi fit-28 ta' Ġunju 1949 il-konvenuti fl-attijiet tan-Nutar fuq imsemmi (fol. 9 tal-proċess) iddikjaraw li huma, bi ftehim komuni, kienu sejrin jirrexxindu, u fil-fatt annullaw għal kollox, l-att tad-donazzjoni fuq imsemmi, u l-istess Ma-

ria armla Vella regghet akkwistat il-proprjetà ta' l-istess porzjoni ta' art, daqs li kieku qatt ma ġiet minnha trasferita, u ddikjaraw li peress li t-trasferiment kien sar gratuwitament bejn il-partijiet ma kienx hemm lok għar-rimbors tal-kapital jew korrispettiv ieħor;

Illi in vista ta' dana li ntqal saret il-kawża odjerna, fejn l-attur talab................;

Tikkunsidra;

Illi l-attur assoġġetta lill-konvenuti għall-kapitoli, imma dawn ma deħrux, b'mod li skond l-art. 698 (2) tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15 ta' l-Edizzjoni Riveduta, l-istess kapitoli għandhom jitqiesu mistqarra. Minn dana jitnissel li l-konvenuti ikkonfessaw (1) li l-kuntratt li għamlu għand in-Nutar Emmanuele Agius fis-16 ta' Ottubru 1947 ma kienx kuntratt ta' donazzjoni, imma kuntratt ta' bejgħ jew pagament "in solutum", u ċjoè kuntratt li jagħti lok għall-eżerċizzju tar-retratt validu u legali, (2) li huma għamlu hekk biex jevitaw l-irkupru ta' l-attur li kellu d-dritt jirkupra, (3) li l-irkupru ta' l-attur minnu eżerċitat biċ-ċedola tas-16 ta' Ottubru 1948 huwa validu u legali, (4) li l-kuntratt li l-konvenuti għamlu għand in-Nutar Emmanuele Agius fit-23 ta' Ġunju 1949 kien intiż biex jiġi iffrodat id-dritt ta' l-irkupru eżerċitat mill-attur, (5) u li huma jafu li għandhom jagħmlu r-rivendizzjoni ta' l-art imsemmija fiċ-ċitazzjoni u jaċċettaw li jagħmluha;

Tikkunsidra;

Illi huwa risaput li skond id-dottrina "in subjecta materia", fid-donazzjonijiet ma hemmx lok għad-dritt ta' l-eżerċizzju tar-retratt. Infatti l-Corradino, wara li jesponi li skond it-teorija ta' Jasone anki fid-donazzjonijiet jeżisti d-dritt ta' l-eżerċizzju tar-retratt, jgħid "verior tamen opinio est, quod in donatione nulla competit praelatio, quia non potest praelationem petens aliquid praestare, neque aestimationem solvendo satisfacit, cum contrahentes noluerint vendere sed donare, ut communiter defendunt doctores" (ara wkoll Tiraquello, de retract. lign. §25, gloss 2, no. 1); imma mbagħad, wara jgħid li "prout neque competit in donatione causa mortis, neque in legato ex eadem ratione................ sive fiat donatio filio familias cum consensu patris, sive a marito uxori, sive

aliis, sive fuerit simplex sive cum causa, dummodo absit fraus, nec concurrit simulatio, puta quia fingatur donatio et vere sit venditio vel alius contractus in quo vigeat praelatio.......... ubi id extendit etiam ad donationes causa dotis et propter nuptias, apud quos videri poterunt conjecturae et praesumptiones fraudis, et simulationes, et remedia illa indagandi" (Quaestio XVI, paragrafi 206-210, Opera de Petri Marcellini Corraduci, De Jure Praelationis, Venetiis 1772, Tipographia Balleoniana);

Illi, stabbilita kwindi l-frodi fl-att tad-donazzjoni, l-istess ma setax jipprekludi lill-attur mill-eżerċizzju tad-dritt tiegħu li jirkupra l-fond imsemmi. Huwa mbagħad ta' importanza relativa jekk b'dik id-donazzjoni l-konvenuti riedux jagħmlu vendita jew pagament "in solutum", l-għaliex sia l-ewwel kemm it-tieni istitut (ara Q. XVIII, para. 16, opera ċitata) jagħtu lok għal dak l-eżerċizzju;

Illi dwar il-fatt li l-konvenuti fit-23 ta' Ġunju 1949 flatti Agius reġgħu lura mid-donazzjoni, ċjoè "recessionem fecerunt", jingħad li għamluh meta l-konvenut Pirotta kien digà ġie notifikat biċ-ċedola numru 190 tas-16 ta' Ottubru 1948, l-għaliex l-istess notifika saret fil-25 ta' Ottubru 1948, appart i l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Mejju 1948. Dina r-reċessjoni ma setgħetx ċertament tippreġudika d-dritt ta' l-attur, li fih twieled ma' l-att li kien simulat, u li kien. bħala l-vera kontrattazzjoni li saret bejn il-kontendenti, jintitolah għall-eżerċizzju ta' dak id-dritt;

Illi infatti dik ir-retroċessjoni ġiet eżegwita wara li l-attur kien eżerċita fiż-żmien li kienet tagħtih il-liġi d-dritt tiegħu, u kwindi di fronti għalih l-istess ma kellhiex valur, u l-pussess ta' l-art in kwistjoni baqa' dejjem f'idejn il-konvenut Pirotta, kif ġie ritenut minn dina l-Qorti fil-25 ta' Mejju 1883 in re "Vincenza Galea vs. Paolo Buhagiar et.", Vol. X, paġ. 145, fejn ġie kundannat għar-rivendizzjoni l-kumpratur retroċedenti non ostanti l-preżenza fil-kawża tal-venditur retroċessjonarju;

Illi kwindi r-retroċessjoni magħmula mill-konvenut Pirotta lill-konvenuta l-oħra, ta' l-art in kwistjoni, ma setgħetx timpedixxi lill-attur mill-eżerċizzju tad-dritt tiegħu (ara wkoll Prim'Awla Civili 16 maggio 1882, "Muscat vs. Felice", u

Appell 14 Maggio 1858, "Fiteni vs. Grech et.", kif ukoll Appell 13 ta' Novembru 1933, "Negoziante Alfredo Camoin vs. Pietro Baldassare Contini");

Tikkunsidra;

Illi mill-kapitoli korroborati mill-kuntratt fejn jissemma li l-art in kwistjoni hija kontigwa għal dik ta' l-attur, kif ukoll mix-xhieda ta' l-istess attur, ma jidhirx li hemm kwistjoni fuq il-validità tat-titolu ta' l-istess instanti, u li l-konvenuti kienu sejrin volontarjament jirrilaxxjaw, imma mbagħad reġa' bdielhom; u ma dehrux qatt sabiex jiddefendu ruħhom;

Illi kwindi t-talba attriċi tidher ġustifikata;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi l-ewwel nett tiddikjara u tiddeċidi illi l-kuntratt fl-atti ta' n-Nutar Emmanuele Agius tas-16 ta' Ottubru 1947 ma kienx fil-fatt donazzjoni, imma att sija ta' vendita jew pagament "in solutum", li t-tnejn jagħtu lok għall-eżerċizzju tar-retratt eżerċitat; u t-tieni nett tilqa', wara li tiddikjara li r-retratt eżerċitat mill-attur kien validu u legali, it-talba attriċi għar-rivendizzjoni kontra l-konvenut Pirotta li fih baqa' l-pussess ta' l-art skond kif intqal fuq — rivendizzjoni li għandha ssir fi żmien ħmistax; u fin-nuqqas li ssir fiż-żmien imsemmi, ir-rivendizzjoni tiddikjaraha operata b'din s-sentenza, inattiż il-kuntratt tar-retroċessjoni fuq imsemmija; u tillibera lill-konvenuta Vella mit-talba għar-rivendizzjoni stante li l-pussess legali ta' l-art ma hux qiegħed għandha;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut Pirotta, barra minn dawk tal-konvenuta Vella, li għandha tħallas l-ispejjeż tagħha oltre nofs ir-reġistru.

---

**Tmiem tat-Tieni Parti**

**tal-Volum XXXIII.**